<u>IL-PJAN TAL-LEZZJONI</u>

**Kap 3: Nieħdu ħsieb xulxin**

**Lezzjoni: 3.1 Alla jieħu ħsiebna**



**L-Għanijiet:**

**L-Istudenti:**

1. Jifhmu xi tfisser il-kelma 'jieħu ħsieb'.
2. Jagħrfu li Alla jħobb lil kulħadd u allura ta l-kapaċitajiet lil kulħadd biex jirnexxi.
3. Jifhmu bil-bżonn li kulħadd jista' jgħin lil kulħadd u b'hekk issaltan l-armonija.



**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint:
  - mummy/daddy jieħdu ħsieb tarbija;
  - Stampa ta' tifel / tifla tieħu ħsieb 'pet';
  - il-kelma "tieħu ħsieb";
  - l-għasafar fl-ajru.
- Karta ta' Taħriġ 3.1

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Uri l-istampa tal-omm/missier jieħdu ħsieb tarbija.
- Staqsi x'qegħdin jaraw u ħalli lill-istudenti joħorġu l-ideat tagħhom.
- Enfasizza l-punt li min iħobb jara kif jagħmel biex, f'dan il-każ it-tarbija, ma jkun jonqosha xejn.
- Uri l-istampa tat-tfal mal-'pet' u staqsi lill-istudenti x'jagħmlu biex il-'pet' tagħhom ikun kuntent.
- Staqsi x'qegħdin jaraw u ħalli lill-istudenti joħorġu l-ideat tagħhom.
- Uri kif "tieħu ħsieb" tfisser tara u tissodisfa l-bżonnijiet ta' dawk li tħobb. Hawn tista' tuża l-powerpoint bil-kelma "tieħu ħsieb" u tara biex joħorġu l-istudenti.

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)



- Uża l-kundizzjoni tat-temp li jkun hemm f'dik il-ġurnata tal-lezzjoni u sew jekk hemm ix-xita jew is-sħana. Uri kif Alla qed jieħu ħsiebna meta qed jgħin lill-ambjent b'din il-kundizzjoni tat-temp partikolari. Eż. Ix-xita – it-tkabbar tal-prodotti tal-agrikoltura; ix-xemx – il-kultivazzjoni tal-ħlejjaq tal-baħar, frott tas-sajf, eċċ.
- Ħu l-ktieb tal-attivitajiet 3.1 . Aqra s-silta mogħtija u spjegaha.
- Enfasizza s-sentenza li hemm li tgħid: "għaliex m'hemmx Alla ħliefek li tieħu ħsieb kollox". Alla huwa l-missier tagħna u permezz tal-ġenituri tagħna jew dawk li jieħdu ħsiebna, Alla qed jgħinna biex aħna jkollna dak kollu li għandna bżonn.

- Uri stampa tal-għasafar fl-ajru minn fuq il-powerpoint u aqra s-silta mill-Vanġelu skond San Mattew 6:25-34.
- Aħdem l-Attività A minfuq il-ktieb tal-attivitajiet mall-istudenti.
- Agħti ftit ħin sabiex l-istudenti jkunu jistgħu ipenġu (a) din is-silta bl-għajnuna tal-istampa murija. Ħalli lill-istudenti jesprimu l-ideat tagħhom murija fit-tpinġija ma' sħabhom. Għall-mistoqsija b) li tista' ssir bħala klassi l-istudenti għandhom jiġu mgħejjuna jaslu għall-fatt li Alla jieħu ħsiebna tassew.
- Stieden lill-istudenti biex b'mod individwali jaħdmu Attività B u wara jaqsmu mal-bqija tal-klassi l-ħsibijiet tagħhom. Eż. Għajnuna d-dar, skola, ħbieb, parenti, eċċ
- Aqra Attivita' Ċ u oħloq diskussjoni għall-ewwel u t-tieni mistoqsija.
- Agħlaq il-lezzjoni billi tispjega l-fatt li min ikun bil-għaqal qatt ma jħossu waħdu għax jemmen li dejjem hemm xi ħadd li kapaċi jgħinu u dan il-ħsieb jgħinu jagħmel il-kuraġġ.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**



1. Tieħu ħsieb tfisser tara u tissodisfa l-bżonnijiet ta' dawk li għandhom bżonn l-għajnuna.
2. Alla jieħu ħsiebna b'dawk ta' madwarna u bil-kundizzjonijiet tat-temp li jgħinu fit-tkabbir tal-ħxejjex u fis-saħħa tagħna
3. Alla jieħu ħsiebna għaliex kif hemm fl-Iskrittura: jieħu ħsieb l-għasafar ma jieħux ħsieb tagħna.

## Nagħżlu flimkien (Attitude)



- Min ikun bil-għaqal qatt ma jħossu waħdu għax jemmen li dejjem hemm xi ħadd li kapaċi jgħinu u dan il-ħsieb jgħinu jagħmel il-kuraġġ.

## Nitolbu



Mulej għinni li f'kull ċirkustanza tal-ħajja tiegħi qatt ma naqta' qalbi, nfittex l-għajnuna għax din int żgur ħa tatijili permezz ta' madwari.